# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tal-15 -il laqgħa tat-Tieni Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2016, fis-5.45 p.m.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Dott. Francesca Zarb |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Lino Camilleri (Assenti Skużat)<br>Is-Sur Anthony Gatt<br>Is-Sinjura Helen Montebello |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech (Assenta skużata) |
| **L-Uffiċċjal** | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Neil Spiteri |

Għall-ħmistax -il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv kienu preżenti ċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb, is-Sur Anthony Gatt u s-Sinjura Helen Montebello. Is-Sur Lino Camilleri kien assent skużat.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm preżenza tal-pubbliku.

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet billi ċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb qalet it-talba.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 14**

   Il-minuti tal-14 -il laqgħa tqassmu ma' l-aġenda u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijet biċ-*Chairperson* Dott. Francesca Zarb pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Is-Sur Anthony Gatt ssekonda u l-minuti ġew approvati u ffirmati.

3. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.**

Is-Segretarju Eżekuttiv se jagħmel kuntatt mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni għal laqgħa dwar punti preċedenti li semmew relatati ma' studenti minn Fleur de Lys u xi kmamar fl-iskola Primarja ta' Santa Venera li mhux jintużaw.

Rigward Triq Brigella ma ġiex rapurtat progress.

4. **Matters arising**

Iċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb se tiggwida lis-Segretarju fuq ilmenti dwar it-trasport pubbliku sabiex tinkiteb ittra lill-Awtorita tat-Trasport.

Kien hemm diskussjoni dwar xi problemi ta' traffiku fi Fleur De Lys fosthom madwar l-iskola ta' Santa Monika. Kif ukoll f'kantunieri oħra b'parkings bl-addoċċ fuq *yellow lines*. Is-Segretarju se jirrapporta lill-Pulizija forsi s-sitwazzjoni titjib.

5. **Aġġornament**

Il-laqgħa spiccat fis-6.15 p.m u ġiet aġġornata *sine die*.

Dott. Francesca Zarb

Chairperson

Neil Spiteri

Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv